MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 216/2014

**GO plc**
**C22334**

**vs**

**Jantunen Jopi Matias**
**ID50553-(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija, wiehed u disghin ewro, sebgha u tletin centezmu (€591.37c) in konnessjoni ma’ servizz ta’ televizjoni 1425114315 (AC40155189). Illi permezz ta’ kuntratt datat 13 ta’ Awwissu, 2010 gie kkuntrattat is-servizz imsemmi.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 446/13, u bl-imghaxijiet legali sa mil-21 ta' Frar, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.'A' sa Dok.'E'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija, wiehed u disghin ewro, sebgha u tletin centezmu (€591.37c) bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------